# Il-Knisja tal-Mensija

Kitba ta' JOSEPH CARBONE

Fil-lokal ta' l-Imsieraħ, illum San Ġwann, fuq ix-xaqliba magħrufa bħala l-Mensija, mibnija fuq ir-riħ ta' Wied Għomor, insibu l-knisja hekk imsejħa tal-Mensija. Din il-knisja hemm marbuta magħha devozzjoni ferm antika lejn il-Madonna, li tiddeskrivi l-bidu tad-devozzjoni ferm antika lejn il-Madonna, taħt it-titlu tal-Lunzjata, kif ukoll lejn San Anard. Tingħad ukoll leġġenda sabiħa li tiddeskrivi l-bidu tad-devozzjoni lejn dan il-lok hekk devot. Dari ta' min jgħid li kien hemm min jirreferi għal din il-knisja bħala ta' San Leonardu.



Il-leġġenda tgħid li għall-ħabta tal-ħmistax-il seklu, ċertu Indrì kien qiegħed iħaffer spiera ġo għalqa fl-inħawi msejħa ta' Xagħret l-Għar. Waqt ix-xogħol deherlu li ra xi dawl ħiereġ minn xaqq fil-blat. X'ħin kixef sewwa sab għar li ġo fih kien hemm dawl jixgħel, ġej minn musbieħ imdendel quddiem inkwadru tal-Madonna. Dan Indrì mar qal b'kollox lill-Kappillan ta' B'Kara (peress li l-Mensija kienet tagħmel parti minn din il-parroċċa) dwar x'kien sab. Il-Kappillan ġabar u żamm l-inkwadru d-dar tiegħu, però 'l għada sab li l-inkwadru kien għosfor. Wara sabuh ġo l-għar. Il-qassis reġa' ħa l-inkwadru ġo daru u 'l għada b'għaġeb kbir sab li l-inkwadru reġa' rritorna lejn l-għar. Hawnhekk, irrapporta lill-Isqof x'kien issuċċeda. L-Isqof ħa u refa' taħt il-muftieħ l-inkwadru, fil-palazz tiegħu. U reġa' ġara bħal qabel, li l-inkwadru sab postu ġo l-għar. L-Isqof ordna li l-inkwadru jinżamm ġo l-għar, imsakkar b'kanċell tal-ħadid biex ikun jista' jsir talb quddiemu, għax dawk l-għemejjel kienu kollha ġejjin mir-rieda tal-Madonna.



*Ritratt ta' l-inkwadru fuq l-injam li jgħidu li sab Indrì.*



*Tpinġija bil-lapes, replika ta' l-inkwadru.*

U minn hawn nibtet id-Devozzjoni kbira lejn din ix-xbieha ta' l-għar, li minn sempliċi għar issawret matul iż-żmien fi knisja mdaqqsa.

Għall-ħabta ta' l-1575, l-għar kien inbidel f'kappella, tant li Mons. P. Duzina, meta żar il-lok, waqt vista pastorali, semma u rrefera għal din il-kappella bħala dik ta' San Leonardu. Maż-żmien forsi minħabba l-ħbit kontinwu mill-kursari ġiet mitluqa tant li fis-sena 1645 ġiet ipprofanata. Reġgħet infetħet u fl-1657 l-Isqof Balaguer reġa' pprofanaha. Fi żmien l-Isqof Cocco Palmieri, il-Knisja nfetħet mill-ġdid, żdiedu xi kmamar u nbniet anke loġġa għall-użu tal-pellegrini minn raġel magħtub li fieq wara li qala' grazzja.



*Dun Ġorġ Debono*

Qrib is-sena 1877, ċertu Dun Ġorġ Debono minn B'Kara mar jgħix qrib il-knisja ma' neputih Mikiel, u kien iqaddes fiha kuljum. Ħa ħsieb u rranġa ħafna fil-knisja, il-paviment kien wieħed mill-affarijiet li ħa ħsieb jirranġa. Meta n-neputi ta' Dun Ġorġ kiber, kompla wara zijuh. Għall-ħabta ta' l-1913 sar it-taraġ kif inhu llum, għax qablu kien hemm żurżieqa kerha. Saru wkoll appostli u l-istatwa ta' Lourdes, xogħol sabiħ wisq fil-ġebla.

Il-knisja fiha żewġ altari, wieħed iddedikat lill-Madonna tal-Lunzjata u l-ieħor lis-Salvatur, bi statwa tas-Salvatur ġo niċċa żżejjen dan l-altar.

L-altar tal-Lunzjata, t-titular, li jinsab fil-parti fejn hemm l-għar, huwa mżejjen b'inkwadru ta' pittur anonimu li sar għall-ħabta ta' l-1780 u jirrappreżenta lil-Lunzjata, jew aħjar it-tħabbira ta' l-anġlu lill-Madonna, b'San Anard għarkubbtejh jitlob lill-Verġni Mbierka.



***Mikiel, in-neputi ta' Dun Ġorġ Debono.***

Hemm ukoll xi nkwadri msejħa Ex Votos, tal-wegħdi, kif ukoll oġġetti oħra konnessi ma' mirakli mwettqa ma' nies fil-bżonn li talbu u qalgħu grazzji mis-Sema.

Il-Papa Ljun XIII fl-1879 ta privileġġi lill-altar. Fl-1911, l-Isqof P. Pace ta indulġenzi ta' 100 jum lil kull min jgħid Ave Marija quddiem l-immaġini tal-Madonna.

L-inkwadru li huwa marbut mal-leġġenda, dak li jingħad li sab Indrì huwa fuq l-injam, fil-forma ta' trittico (magħmul fi tliet biċċiet). Dan l-inkwadru nsibu mpittra fuqu x-xbihat ta' San Leonardu Abbati fin-nofs, dik tal-Lunzjata fuq il-lemin, u l-Arkanġlu Gabriel fuq ix-xellug. Hemm għidut, li l-inkwadru mhuwiex dak oriġinali li jissemma fil-leġġenda, għaliex fil-leġġenda jissemma biss li nstab inwadru bix-xbieha tal-Madonna. Jista' jagħti l-fatt li l-oriġinal kien xi ftit imkagħbar u sar ieħor floku. Peress li f'dawk iż-żminijiet San Leonardu kien popolari ħafna, u mitlub ħafna għal-fatt li kien hawn ħbit mill-kursari u l-waqgħa ta' ħafna fil-jasar, b'hekk forsi daħħluh fl-inkwadru tal-Lunzjata.

Il-faċċata tal-Knisja, għalkemm mhux waħda wiesgħa, għandha l-bieb u l-frontispizju kbar, b'kampnar fin-nofs li jagħti dehra ta' xi ħaġa maestuża, u wara kollox għaliex le, mhux lok mibni għall-qima ta' Ommna Marija, San Anard u l-Missier Etern.


**REFERENZI:**

| | |
|---|---|
| Djar is-Sultana | Kilin |
| Il-Misteri Tal-Mensija | Tony C. Cutajar |
| San Ġwann u l-istorja Tiegħu | Kunsill Lokali / Awturi Diversi |
| Towns and Villages in Malta and Gozo | Charles Fiott |
| Descrizione Storica della Chiesa di Malta e Gozo | Achille Ferris |
| Bliet u Rħula Maltin | Alfie Guillaumier |